MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' April, 2008

Numru. 133/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**vs**

**Andre Xuereb, 23 sena bin Michal u Maria Dolores nee` Mangion, mwieled St. Julian's fit-28 ta' Marzu, 1984, u residenti 381, Triq Scicluna, San Giljan.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Andre Xuereb cioe` talli fit-12 ta' Jannar, 2008, , ghal habta ta' l-10.00pm fil-belt Valletta, ikkommetta serq ta' zewg computer Laptops tal-ghamla HP ghal valur ta' izjen minn €233 (Lm100) izda mhux izjed minn €2330 (Lm1000) ghad-detriment tan-National Euro Changeover Committee` u l-

Kumpanija Forestals liema serq kien ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna bi ksur tal-Art. 267 u 268 tal-kap 9 tal-ligijiet ta'Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tad-19 ta' Frar, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputatl-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta'l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu..

Illi dwar piena, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikjrija maghmula milll-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u il-fatt illi huwa ikkolabora mal-pulizija u jidher li iddispjacieh ta' l-akkadut.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat hati ta'l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li huwa ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegnwenzi skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------